Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Awwissu 2002

li tistabblixxi l-kundizzjonijiet ta' rappurtar standard għal programmi ta' qerda u ta' kontroll ta' mard ta' l-annimali ko-finanzjati mill-Komunità u li tabbroga d-Deċiżjoni 2000/322/KE

(notifikata taħt id-dokument numru K (2002) 3103)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/677/KE)

(OJ L 229, 27.8.2002, p. 24)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/394/KE, tat-23 ta' Mejju 2003	L 136	8	4.6.2003

▼B

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Awwissu 2002

li tistabblixxi l-kundizzjonijiet ta' rappurtar standard għal programmi ta' qerda u ta' kontroll ta' mard ta' l-annimali ko-finanzjati mill-Komunità u li tabbroga d-Deċiżjoni 2000/322/KE

(notifikata taħt id-dokument numru K (2002) 3103)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/677/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkondsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-ispiża fil-qasam veterinarju ([1]) kif l-aħħar emendata b' Deċiżjoni 2001/572 ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 24(11) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KEE tipprovdi għall-possibilità ta' parteċipazzjoni finanzjarja mill-Komunità fil-programmi għall-qerda u l-kontroll ta' mard ta' l-annimali. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jissottomettu l-programmi li għalihom jixtiequ jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja.

(2) Sistema ta' valutazzjoni għandha tinħoloq għal-iskop ta' stima tal-progress li jkun sar matul l-imlipentazzjoni tal-programmi ta' qerda u kontroll. Is-sistema ta' valutazzjoni għandha tinkludi sistema ta' rapporti biex tingħata informazzjoni epidemjoloġika mill-programmi. Huwa mixtieq li jkun hemm armonizzazzjoni fis-sistema tar-rapporti

(3) Ir-responsabilità primarja għall-implimentazzjoni u s-suċċess tal-programmi ta' qerda u kontroll, kif ukoll ta'l-amministrazzjoni finanzjarja tajba tal-miżuri ko-finanzjati, tkun fuq l-istat membru li jagħmel l-applikazzjoni.

(4) Ġew stabbiliti permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/638/KEE ([3]) kriterji għall-programmi ta' qerda u kontroll prevvisti fid-Deċiżjoni 90/424/KEE, Artiklu 24, (2)

(5) Id-Deċiżjoni 90/638/KEE, Anness 1, Punt 13, tiddisponi illi l-programmi ta' qerda sottomessi mill-Istati Membri lill-Kummissjoni għall-ko-finanzjament għandu jkun fihom mill-anqas, fejn neċessarju, regoli għall-kumpens adegwat lill-bdiewa għal annimali maqtula mill-aktar fis possibli.

(6) Hu approprjat illi fin-nuqqas ta' dawn ir-regoli l-kumpens jitħallas fi żmien 90 jum.

(7) Din id-Deċiżjoni tissostitwixxi id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/322/KE tat-13 ta' April 2000 li stabbiliet ħtieġiet standard għar-rapporti sottomessi dwar programmi għall-qerda u l-monitoraġġ ta' mard ta' l-annimali approvati għal-ko-finanzjament mill-Komunità ([4]), li għandhom jiġu abbrogati mid-data li fiha din id-Deċiżjoni presenti tiġi applikabbli.

(8) Il-miżuri prevvisti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-katina ta' l-ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

([1]) GU L 224, tat-18.9.1990, p. 19.
([2]) GU L 203, tat-28.7.2001, p. 16.
([3]) GU L 347, tat-12.12.1990, p. 54.
([4]) GU L 111, tad-9.5.2000, p. 19.

▼B

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-iskop ta' din id-Deċiżjoni, jgħoddu dawn id-definizzjonijiet

(a) Valutazzjoni preliminari teknika u finanzjarja tal-programm: Valutazzjoni preliminari tal-programm korrenti li għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Ġunju, kif prevvist fl-Artiklu 24(7) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE;

(b) Rapporti intermedji: ir-rapporti li għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni skond skeda regolari taż-żmien;

(ċ) Rapporti finali: ir-rapporti li għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni għas-sena sħiħa ta' applikazzjoni tal-programm;

(d) Applikazzjonijiet għall-ħlas: applikazzjonijiet tal-ħlas kif imsemmija fl-Artikolu 24(8) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom, għar-rigward tal-programmi ta' qerda u kontroll adottati skond l-Artiklu 24 tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, jissottomettu valutazzjoni preliminari, teknika u finanzjarja, rapporti intermedji u rapporti finali skond din id-Deċiżjoni.

Artiklu 3

L-valutazzjoni prelimari, teknika u finanzjarja ta' programm approvat għall-ko-finanzjament għandu jkun fiha mill-anqas l-informazzjoni speċifikata fl-Anness I.

Artiklu 4

1. Ir-rapporti intermedji għandu jkun fihom mill-anqas l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi II, III u IV, kif xieraq, għall-mardiet li ġejjin:

Tuberkuloži bovina, bruċellosi bovina, bruċellosi ovina u kaprina, lewkoži enżootika bovina, IBR/IPV, paratuberkuloži, CBPP,antraċi, maedi visna, CAEV, deni katarrali tal-muntun, marda ta' Aujesky's, pesta Afrikana tal-majjali, deni tal-majjali klassiku, marda vexxikulari tal-majjali, idroperikardite, babeżjoži, anaplażmoži, IHN, ISA, salmonella pullorum, salmonella gallinarum u mycoplasma galli-septicum.

2. Għall-idrofobija, rapporti intermedji għandu jkun fihom l-informazzjoni rilevanti kollha.

▼M1

Fir-rigward ta' salmonella żoonotika, ir-rapporti intermedjarji għandhom jinkludu minn ta' l-inqas l-informazzjoni speċifikata fl-Anness Va.

▼B

Artiklu 5

1. Ir-rapporti finali għandu jkun fihom l-applikazzjonijiet għall-ħlas u ukoll mill-anqas l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi II, III, IV,V, VI u VII, kif suppost, għall-mardiet li ġej:

CBPP,antraċi, maedi visna, CAEV, deni katarrali tal-muntun, marda ta' Aujesky's, pesta Afrikana tal-majjali, deni tal-majjali klassiku, marda vexxikulari tal-majjali, idroperikardite, babeżjoži, anaplażmoži, IHN, ISA, salmonella pullorum, salmonella gallinarum u mycoplasma galli-septicum.

2. Dwar l-idrofobija, ir-rapporti finali għandu jkun fihom l-informazzjoni rilevanti kollha u jinkludu l-applikazzjonijiet għall-ħlas ta' ko-finanzjament.

▼M1

Fir-rigward ta' salmonella żoonotika, ir-rapporti finali għandhom jinkludu minn ta' l-inqas l-informazzjoni speċifikata fl-Annessi Va, VI u VII.

▼B

3. Għall-iskop li timtela t-tabella stabbilita fl-Anness VII, mingħajr preġudizzju ta' l-Artiklu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 296/96 ([1]), l-Istati Membri għandhom jindikaw fil-kolonna 'kumpens' il-kumpens mogħti, fi żmien 90 jum minn meta l-annimal jinqatel u wara l-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni mimlija.

Artiklu 6

Id-Deċiżjoni 2000/322/KE hi abbrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2003.

Artiklu 7

Din id-Deċiżjoni tapplika għal programmi għall-qerda u l-kontroll ta' mard ta' l-annimali li għandhom jiġu implimentati mill-1 ta' Jannar 2003.

Artiklu 8

Ta' din id-Deċiżjoni huma destinatarji l-Istati Membri.

([1]) GU L 39, tas-17.2.1996,p. 5.

▼M1

ANNESS I

ĦTIĠIET GĦALL-VALUTAZZJONI TEKNIKA U FINANZJARJA PRELIMINARI

Stat Membru: .....

Data: .....

Marda/Żoonosi (1): .....

Speċi ta' l-annimal: .....

Kontenut minimu tal-valutazzjoni:

1. valutazzjoni teknika u finanzjarja:

1.1. konferma li kienet fis-seħħ il-leġislazzjoni kollha dwar l-implimentazzjoni tal-programm fil-bidu tal-programm (jekk le, valutazzjoni tas-sitwazzjoni);

1.2. valutazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-ħtiġiet tal-*budget* neċessarji għall-funzjonament tal-programm;

1.3. stima tan-nefqa li saret fil-kuntest tal-programm għall-miżuri ko-finanzjati

1.4. previżjoni tal-flus li se jintefqu matul is-sena kollha taht rapport għall-miżuri ko-finanzjati

(1) Marda jew żoonosi u speċi ta' l-annimal, jekk neċessarju."

▼B

ANNESS II

INFORMAZZJONI DWAR IL-MERĦLIET [a]

(tabella waħda għal kull marda/speċi)

Stat Membru: ..... *Data:* ..... *Sena:* ..... *Perjodu ta' rrapurtar:* Rapport intermedju

Marda [b]: ..... *Speċi ta' l-Annimali:* ..... Rapport finali

Reġjun [c]	Numru totali ta' merħliet [d]	Numru totali ta' merħliet fil-programm	Numru ta' merħliet kontrollati [e]	Numru ta' merħliet pożittivi [f]	Numru ta' merħliet pożittivi ġodda [g]	Numru ta' merħliet spopolati	% ta' merħliet pożittivi spopolati	Indikaturi		
								% kopertura tal-merħliet	% merħliet pożittivi Perjodu ta' prevalenza tal-merħliet	% merħliet pożittivi ġodda Inċidenza tal-merħliet
1	2	3	4	5	6	7	8 = (7/5) × 100	9 = (4/3) × 100	10 = (5/4) × 100	11 = (6/4) × 100
Total										
Total – I [h]										

[a] Merħla tfisser ukoll numru ta' bhejjem, jeważjendi kif proprju.
[b] Il-marda u l-ispeċi ta' l-annimal jekk neċessarju.
[c] Reġjun kif definit fil-programm ta' qerda approvat fl-Istat Membru.
[d] Numru totali ta' merħliet li jeżistu fir-reġjun inklużi merħliet eliġibbli u merħliet mhux eliġibbli għall-programm.
[e] Kontroll ifisser kontroll fil-livell tal-merħla taħt programm għall-marda rispettiva bl-iskop li jinżamm, jew jittejjeb eċċ, l-istatus sanitarju tal-merħla. F'din il-kolonna merħla m'għandiex tiġi maghduda darbtejn anki jekk il-kontroll ikun sar aktar minn darba.
[f] Merħliet li fihom mill-anqas annimal wieħed pożittiv matul il-perjodu ikun xi jkun in-numru ta' drabi li l-grupp ikun ġie kkontrollat.
[g] Merħliet li l-istat tagħhom fil-perjodu ta' qabel ma kienx magħruf, mhux ħielsa negattivi, ħielsa, uffiċjalment ħielsa jew sospiżi u li għandhom mill-anqas annimal wieħed pożittiv matul dan il-perjodu.
[h] Informazzjoni dwar is-sena ta' qabel fil-perjodu korrispondenti.

▼B

ANNESS III

INFORMAZZJONI DWAR L-ANNIMALI

(tabella waħda għal kull marda/speċi)

Stat Membru: ..... *Data:* ..... *Sena:* ..... *Perjodu ta'rapport:* Rapport intermedju

Marda [a]: ..... *Speċi ta' l-Annimali:* ..... Rapport finali

Reġjun [b]	Numru totali ta' annimali [c]	Numru ta' annimali [d] li għandhom ikunu ttestjati taħt il-programm	Numru ta' annimali [d] ttestjati	Numru ta' annimali ttestjati individwalment [e]	Numru ta' annimali pożittivi	Tbiċċir		Indikaturi	
						Numru ta' annimali b'riżultat pożittiv mMaqtulajew imnehhija	Numru totali ta' annimali maqtula [f]	% ta' kopertura fuq livell ta' annimali	% annimali pożittivi fi prevalenza ta' l-annimali
1	2	3	4	5	6	7	8	9 = (4/3) × 100	10 = (6/4) × 100
Total									
Total – 1 [g]									

[a] Il-marda u l-ispeċi ta' l-annimali, jekk neċessarju.

[b] Reġjun kif definit fil-programm ta' qerda approvat ta`l-Istat Membru.

[c] Numru totali ta' merħliet li jeżistu fir-reġjun inklużi merħliet eliġibbli u merħliet mhux eliġibbli għall-programm.

[d] Jinkludi annimali ttestjati individwalment jew fi grupp.

[e] Inkludi biss annimali ttestjati individwalment, tinkludix annimali ttestjati permezz ta' kampjuni komplessivi (eż. testijiet ta' tankijiet ta' ħalib).

[f] Inkludi l-annimali pożittivi maqtula kollha, kif ukoll l-annimali negattivi maqtula taħt il-programm.

[g] L-informazzjoni tas-sena ta' qabel fil-perjodu korrispondenti.

▼B

ANNESS IV

INFORMAZZJONI DWAR IL-PROGRAMMI TA' TILQIM

(tabella waħda għal kull marda/speċi)

Stat Membru: ..... *Data:* ..... *Sena:* ..... *Perjodu ta' rapport:* Rapport intermedju

Marda [a]: ..... *Speċje:* ..... Rapport finali

Reġjun [b]	Numru totali ta' merħliet [c]	Numru totali ta' annimali	Informazzjoni dwar programm ta' tilqim fuq annimali żgħar				Informazzjoni dwar programm ta' tilqim fil-massa				
			Numru ta' merħliet fil-programm ta' tilqim	Numru ta' merħliet mlaqqma	Numru ta' annimali mlaqqma	Numru ta' doża ta' vaċċin amministrati	Numru ta' merħliet fil-programm ta' tilqim	Numru ta' merħliet imlaqqma	Numru ta' bhejjem adulti [d] imlaqqma	Numru ta' annimali żgħar [d] mlaqqma	Numru ta' doża ta' vaċċin amministrati
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12
Total											
'Total – 1 [e]											

[a] Il-marda u l-ispeċje, jekk neċessarju.

[b] Reġjun kif definit fil-programm ta' qerda approvat ta' l-Istat Membru.

[c] Merħliet tfisser ukoll gruppi ta' annimali jeważjendi kif approprjat.

[d] Kif definit fil-programm.

[e] L-informazzjoni tas-sena ta' qabel fil-perjodu korrispondenti.

▼B

ANNESS V

INFORMAZZJONI DWAR L-ISTATUS TAL-MERĦLIET FI TMIEM IL-PERJODU

(tabella waħda għal kull marda/speċi)

Stat Membru: ..... *Data:* ..... *Sena:* .....

Marda [a]: ..... *Speċje:* .....

Reġjun [b]	Status tal-merħliet u l-annimali taħt il-programm [c]													
	Numru totali ta' merħliet u annimali taħt il-programm		Mhux magħrufa [d]		Mhux ħielsa jew uffiċjalment ħielsa				Ħielsa jew uffiċjalment ħielsa sospiżi [g]		Ħielsa [h]		Uffiċjalment ħielsa [i]	
					L-aħħar kontroll pożittiv [e]		L-aħħar kontroll negattiv [f]							
	Merħliet	Annimali [j]	Merħliet	Annimali [j]	Merħliet	Annimali [j]	Merħliet	Annimali [j]	Merħliet	Annimali [j]	Merħliet	Annimali [j]	Merħliet	Annimali [j]
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15
Total														
Total-1 [k]														

[a] Il-marda u l-ispeċje jekk neċessarju.

[b] Ir-Reġjun kif definit fil-programm ta' qerda approvat ta' l-Istat Membru.

[c] Fi tmiem il-perjodu ta' rapport.

[d] Mhux magħruf: l-ebda riżultat ta' kontroll magħmul qabel ma jkun disponibbli.

[e] Mhux ħielsa u l-aħħar kontroll pożittiv: il-merħla ġiet kontrollata b'riżultat wieħed pożittiv mill-anqas fl-aħħar kontroll.

[f] Mhux ħielsa u l-aħħar kontroll negattiv: merħla kkontrollata b'riżultati negattiv fl-aħħar kontroll iżda mhux 'ħielsa' jew 'uffiċjalment ħielsa'.

[g] Sospiż kif definit fil-leġislazzjoni tal-Komunità għall-marda rispettiva fi tmiem tal-perjodu ta' rapport.

[h] Merħla ħielsa kif definita fil- leġislazzjoni Komunitarja għall-marda rispettiva.

[i] Merħla ħielsa uffiċjalment kif definita fil- leġislazzjoni tal-Komunità għall-marda rispettiva.

[j] Inkludi annimali taħt il-programm fil-merħliet bl-istatus imsemmi (kolonna tax-xellug).

[k] Total tas-sena ta' qabel fil-perjodu ta' rapport korrispondenti.

▼M1

ANNESS Va

Data fuq Salmonella Żoonotika

Stat Membru: ..... Data: ..... Sena: ..... Perijodu ta' Rappurtaġġ:

Rapport Intermedjarju

Serotipi ta' salmonella [a]: ..... Speċi ta' l-annimal: ..... Reġjun: ..... Rapport Finali

Tip ta' merhla [b]	Numru totali ta' merhlat [c]	Numru totali ta' annimali	Numru totali ta' merhlat fil-programmi	Numru totali ta' annimali fil-programmi	Numru ta' merhlat iċċekkjati [d]	Numru ta' merhlat posittivi [e]			Numru ta' merhlat imnehha		Numru totali ta' annimali maqtula jew meqruda		Kwantità ta' bajd meqruda (numru jew kg)		Kwantità ta' bajd destinati għal prodotti tal-bajd (numru jew kg)	
						S. Enteriditis	*S. Typhimurium*	Serotipi oħra	S.E. jew S.T. [f]	Serotipi oħra	S.E. jew S.T. [f]	Serotipi oħra	S.E. jew S.T. [f]	Serotipi oħra	S.E. jew S.T. [f]	Serotipi oħra

[a] Is-serotipi koperti bil-programmi ta' kontroll eż. *S. Enteritidis, S. Typhimurium*, serotipi oħra

[b] Per eżempju merhlat għal riproduzzjoni, merhlat għal produzzjoni, gruppi ta' tiġieġ li jintużaw għall-produzzjoni tal-bajd, etċ. Merhlat huma ugwali għal frat

[c] Numru totali ta'merhlat li jeżistu fir-reġjun inklużi merhlat eliġibbli u merhlat mhux eliġibbli għall-programm

[d] Mezzi ta' kontroll biex isir test ta' livell ta' merhlat skond il-programm għall-preżenza ta' salmonella. F'din il-kolonna, merhla ma tistax tiġi kkalkulata darbtejn anke jekk ġiet ikkontrollata darbtejn

[e] Jekk merhla ġiet iċċekkjata, skond in-nota tal-qiegħ (e), aktar minn darba, kampjun posittiv għandu jittieħed f'konsiderazzjoni darba biss.

[f] *Salmonella Enteritidis jew Salmonella Typhimurium.*

▼M1

ANNESS VI

ĦTIĠIET GĦAR-RAPPORTI FINALI

Stat Membru: .....

Data: .....

Marda/żoonosi (2): ..... Speċi ta' l-annimal: .....

Kontenut minimu tar-rapport (3):

1. Preżentazzjoni ta' *data* (L-Annessi II, III, IV, V u Va, kif xieraq)
2. Evalwazzjoni teknika tas-sitwazzjoni:
   2.1. Mapep epidemoloġiċi għal kull marda/infezzjoni
   2.2. Informazzjoni fuq it-test dijanjostiku użat (tabella A):

Tabella A

Tabella A	Test (4)	Tip ta' kampjun (5)	Tip ta' test (6)	Numru ta' testijiet magħmula

   2.3. *data* fuq l-infezzjoni:

Marda/speċi	Numru ta' frat infettati	Numru ta' annimali nfettati

   2.4. raġunijiet għas-sospensjoni ta' l-istatut ħieles jew uffiċjalment ħieles għal kull marda (Tabella B):

Tabella B

Marda/speċi	Raġuni (7)	Numru ta' annimali nfettati

   2.5. Kisba ta' l-objettivi u diffikultajiet tekniċi
   2.6. Informazzjoni epidemjoloġika addizzjonali: informazzjoni dwar inkjesti epidemjoloġiċi, aborti, leżjonijiet misjuba f'biċċerija jew matul in-nekroskopija, każijiet misjuba fil-bniedem
3. Aspetti finali:
   3.1. tabelli kompleti ta' l-Anness VII
   3.2. viżjoni komplessiva dwar il-flus minfuqa fil-kuntest tal-programm
   3.3. Lista dettaljata ta' l-ispejjeż

---

(2) Marda jew żoonosi u speċi ta' l-annimal, jekk neċessarju
(3) Għall-programmi dwar salmonella żoonotika għandhom ikunu koperti biss il-punti 1, 2.2, 2.3, 2.5, 2.6 u 3
(4) Indika jekk neċessarju: serum tad-demm, demm, plażma, ħalib, ħalib f'tank, ferita suspetta, fetu, ħmieġ, bajd, tiġieġ mejjet, meconium, oħrajn (speċifika)
(5) V prípade potreby uveďte: krvné sérum, krv, plazma, mlieko, zberná nádrž na mlieko, podozrivá lézia, plod, výkaly, vajcia, mŕtve kurčatá, mekónium, iné (špecifikujte).
(6) Indika: test ta' screening, test ta' konferma, test kumplimentari, test ta' rutina, oħrajn (speċifika)
(7) Indika r-raġuni:
— Riżultat mhux negattiv fit-test diagnostic
— Mhiex rispettata l-frekwenza tat-test ta' rutina
— Daħla ta' annimali fl-ifrat bi statut insuffiċjenti
— Suspett tal-marda
— Oħrajn (indika).

▼M1

L-ANNESS VII

RAPPORT FINANZJARJU FINALI U TALBA GĦALL ĦLAS

(tabella waħda għal kull marda (żoonosi)/speċi)

Stat Membru: ..... Data: ..... Sena: ..... Perijodu ta' rappurtaġġ:

Rapport intermedjarju

Marda/żoonosi: ..... Speċi: .....

Rapport finali

Reġjun (a)	Miżuri aċċettabli għal kofinanzjament (b)				
	Kumpens	Analiżi tal-laboratorju u test dijanjostiku ieħor	Vaċċini	Ohrjan (speċifika)	Ohrjan (speċifika)
1	2	3	4	5	6
Total					

(a) Reġjun definit fil-programm ta' qerda ta' l-Istat Membru li ġie approvat
(b) L-informazzjoni għandha tinghata f'munita nazzjonali, VAT eskluż

Niċċertifika li l-informazzjoni moghtija hawn fuq hi korretta u li l-ebda kontribuzzjoni Komunitarja ma ġiet mitluba għal dawn il-miżuri

..... (Post, data)

..... (Firma)"